MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 770/2005

**Elmo Insurance Limited (C3500), kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Bonavia (ID197752M) u l-istess Joseph Bonavia (ID197752M)**
**vs**
**Clement Micallef**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 t'April, 2005, fejn intqal :**
**Illi din hija l-istanza fejn l-atturi qed jitolbu l-kundanna tal-konvenut ghal risarciment ta' danni fl-ammont ta' mitejn tmienja u hamsin lira sebgha u hamsin centezmu (Lm258.57) [in kwantu ghal Lm208.57 lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Limited u in kwantu ghal Lm50 lil Joseph Bonavia] (Dok.ZM1 sa ZM8) minnu kkagunati u minnhom subiti in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara San Pawl il-Bahar fit-13 ta' Novembru 2004 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Nru.IBG-583 habat mal-vettura**

**Nru.CAK-864, propjeta' tal-attur Joseph Bonavia u misjuqa minn Steward Wakefield, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti (Dok.ZM9).**
**Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez tal-kawza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tas-7 ta' Frar 2005, dawk tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) presentata kontestwalment mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri u l-imghax legali b'effett mis-7 ta' Frar 2005 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fid-29 ta' April, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh, jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici Elmo Insurance Limited is-somma ta' mitejn u tmien liri Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm208.57), u lill-attur Joseph Bonavia s-somma ta' hamsin lira Maltija (Lm50.00), ilkoll bl-imghax legali mis-7 ta' Frar, 2005 sad-data tal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tas-7 ta' Frar 2005, dawk tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) presentata kontestwalment mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------